MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 357/2013

**Leaf Limited**
**(C-11101)**

**vs**

**Saviour Schiavone**
**(ID-498657M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob is-somma ta’ sitt mija, erbgha u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€644.23c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq ordnijiet tieghu stess u li baqa’ ma thallasx; Minkejja li ga gie interpellat sabiex ihallas inkluz permezz tal-ittra bonarja datata 4 ta’ Frar, 2013 (Dok.A) u permezz tal-ittra ufficjali numru 895/2013 mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok.B), il-konvenut baqa’ inadempjenti; Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prospett anness u mmarkat bhala Dok C sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni inkluzi dawk tal-ittra ufficjali msemmija u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1047/2013 pprezentat kontestwalment mal-istess ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi huwa ma ordnax l-merkanzija minnhom indikati.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata 31 ta' Lulju, 2013 li permezz taghha cediet l-atti ta' din il-kawza stante illi fil-mori akkwistat titolu ezekuttiv permezz tal-ittra ufficjali numru 895/2013 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A .

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Settembru, 2013, fejn gie dikjarat illi n-nota ta' cessjoni kienet qed tigi kkontestata mill-konvenut, u dan *ai termini* tal-Artikolu 908 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u talab illi l-kawza tinstema u tinghata sentenza fuq il-mertu. Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal li ordna li l-verbal jigi kkomunikat lill-Avukat tas-socjeta' attrici, li jkollu l-fakolta' li jressaq risposta ghal din it-talba.

Ra n-nota li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici, datata 18 ta' Ottubru, 2013; ra n-nota responsiva tal-konvenut, datata 23 ta' Dicembru, 2013.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-azzjoni odjerna giet proposta mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Gunju, 2014; illi l-atti relattivi gew notifikati lill-konvenut fil-31 ta' Lulju, 2013, li ntavola r-risposta tieghu fis-7 ta' Awwissu, 2013. Gara illi s-socjeta' attrici – tramite tar-rapprezentant taghha – ipprezentat nota ta' cessjoni fir-rigward ta' din l-azzjoni fil-31 ta' Lulju, 2013. Illi l-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghal-20 ta' Settembru, 2013. Illi kien f'din l-udjenza illi l-Avukat difensur tal-konvenut iddikjara illi n-nota ta' cessjoni pprezentata mis-socjeta' attrici kienet qed tigi kkontestata, u dan in bazi tal-provvedimenti tal-Artikolu 908 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: "*Meta rrinunzja ma tkunx bla kundizzjoni, il-parti l-ohra tista' ma taccettahiex u tista' titlob li l-kawza tigi mismugha u deciza.*"

Illi l-konvenut xehed f'dawn il-proceduri u ddikjara illi hu kien jixtri oggetti minghand is-socjeta' attrici, u kien gharraf lis-salesman, certu Clayton, illi b'effett minn Lulju, 2012 ma kienx ser jibqa' responsabbli ghall-merkanzija li tinxtara minghand is-socjeta' attrici, ghaliex il-gestjoni tan-negozju kienet ser tghaddi f'idejn terza persuna. Illi hu talab lil dan is-salesman rendikont ta' dak li kien dovut minnu sa dik id-data, bil-ghan illi jigi saldat id-debitu tieghu mas-socjeta' attrici tal-ammonti li kienu dovuti minnu. Illi fil-fatt hekk gara, u l-konvenut wettaq diversi pagamenti fuq medda ta' diversi xhur, u dan kif jirrizulta mir-ricevuti li jinsabu esebiti in atti a fol 44 sa 46. Illi l-konvenut deherlu li l-pendenzi tieghu mas-socjeta' attrici kienu gew rizolti; madanakollu, irrizulta mod iehor ghaliex ircieva l-atti gudizzjarji li permezz taghhom kien qed jintalab il-hlas ta' ammonti ohra li kienu ghadhom dovuti. Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-istess konvenut fi proceduri li saru mill-istess konvenut ghal revoka ta' mandat ta' sekwestru, jirrizulta illi l-gestjoni tan-negozju li kien qed jigi operat mill-konvenut inghadda f'idejn certa Joanne Sciberras, li jidher li hija membru tal-familja tal-konvenut. Illi mill-istess deposizzjoni jirrizulta illi l-permessi relattivi ghall-operat tan-negozju in kwistjoni ma gewx formalment trasferiti ghal fuq isem din il-persuna, u jidher ukoll illi din il-persuna eventwalment, u cioe' wara ftit taz-zmien, ma komplietx bil-gestjoni ta' dan in-negozju, u ghalhekk gie ritornat kollox lill-konvenut. Illi mistoqsi jekk jaghrafx il-firma tieghu fuq il-kopja tal-*pink card* mehmuza mal-ittra ufficjali datata 25 ta' April, 2013, il-konvenut iddikjara li gharafha u li kienet tieghu.

Illi s-socjeta' attrici, permezz ta' din l-azzjoni, u permezz tal-ittra gudizzjarja li ntavolat fil-konfront tal-konvenut datata 25 ta' April, 2013, hi talbet hlas minghand il-konvenut ta' merkanzija li giet mibjugha u kkonsenjata fil-perjodu bejn is-17 ta' Lulju, 2012 sat-2 ta' Ottubru, 2012. Illi kif jirrizulta min-nota spjegattiva (a fol.14 tal-atti) li giet ipprezentata mis-socjeta' attrici jirrizulta illi kontestwalment ma' din l-ittra gudizzjarja gie pprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-konvenut. Illi fit-28 ta' Mejju, 2013 il-konvenut intavola rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sabiex jitlob ir-revoka tieghu, liema talba giet deciza u michuda permezz ta' digriet li nghata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Awwissu, 2013 (a fol. 20 tal-atti). Illi mill-istess nota spjegattiva jirrizulta illi l-azzjoni odjerna – li giet intavolata fit-18 ta' Gunju, 2013 – giet ipprezentata sabiex izzomm fis-sehh l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msemmi, u dan peress illi mill-atti tal-Qorti deher illi l-konvenut ipprezenta att fis-27 jew 29 ta' Mejju, 2013 sabiex jikkontesta l-ittra ufficjali ntavolata mis-socjeta' attrici fil-konfront tieghu. Illi eventwalment

irrizulta illi dan l-att ma kienx risposta jew nota ta' kontestazzjoni fl-atti tal-ittra ufficjali msemmija, u li din l-istess ittra ma kienitx giet ikkontesta, u ghalhekk setghet tigi reza ezekuttiva, kif fil-fatt gara fit-22 ta' Lulju, 2013 (a fol.29) tal-atti. Illi in segwitu ta' dan, u ghaliex is-socjeta' attrici ma kellhix aktar interess fil-kawza odjerna, ipprezentat nota ta' cessjoni, datata 31 ta' Lulju, 2013 (a fol.8 tal-atti).

Ikkunsidra,

Illi mill-fatti mressqa mill-partijiet, u mill-atti u dokumenti li gew ipprezentati, jirrizultaw is-segwenti fatti: Illi f'dak li jirrigwarda t-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici, rizultanti mill-ittra gudizzjarja bin-numru ta' referenza 895/13 u mill-azzjoni odjerna, dan l-ammont ma thallasx mill-konvenut, li jikkontendi illi hu mhux id-debitur ghaliex ma kienx hu li ghamel l-ordni ghall-merkanzija in kwistjoni. Illi ghalkemm ma gietx sollevata eccezzjoni f'dan ir-rigward, jidher illi qed jikkontendi illi hu mhux il-legittimu kontradittur. Madanakollu, lanqas ma gie kkontestat minnu illi l-merkanzija ma gietx ikkonsenjata, u lanqas ma hass il-htiega illi jitlob il-kjamata in kawza tal-persuna/i li deherlu li kienu d-debitur/i tas-socjeta' attrici; dan qed jinghad fid-dawl tad-deposizzjoni tal-istess konvenut mghotija fil-proceduri ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (a fol.34 et seq.) fejn iddikjara illi "... *jiena kont bieghtilha* [lil Joanne Sciberras] *l-karru bl-affarijiet kollha go fiha. Meta eventwalment il-karru rega' gie lura ghandi kellu hafna inqas materjal, merkanzija minn dik li kelli qabel. ... nghid illi l-permess qatt ma nqaleb f'isem Sciberras ghax hi qatt ma kellha flus biex thallasni.*" Illi ghalhekk il-persuna li kienet qed tiggestixxi n-negozju li precedenetement kien tal-konvenut kienet persuna maghrufa lill-konvenut; izda minkejja f'dan ma talabx l-inkluzjoni taghha f'dawn il-proceduri. Illi lanqas ma gie kkontestat mill-konvenut dak dikjarat minn Clayton Fiott illi din Joanne Sciberras ghamlet l-ewwel ordni taghha mas-socjeta' attrici fil-presenza tal-istess konvenut, u dan meta sar it-trasferiment informi lil Sciberras tal-gestjoni ta' dan in-negozju li precedentement kien gestit mill-konvenut. Illi huwa ferm pertinenti, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, illi l-istess konvenut iddikjara li eventwalment din Joanne Sciberras ma komplietx bil-gestjoni tan-negozju u rritornat kollox lura lill-konvenut. Illi ghalhekk il-konvenut jidher illi ghamel perjodu qasir mhux involut fil-gestjoni tan-negozju, u f'dak l-istess zmien ippermetta lil Sciberras sabiex tkompli taghmel ordnijiet f'ismu, tant illi l-fatturi u rendikont relattivi ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici baqghu johorgu f'ismu. Illi oltre dan, hu rega' ha l-pussess u gestjoni tan-negozju meta Sciberras ma komplietx b'tali gestjoni.

Illi mid-deposizzjoni tal-konvenut fil-proceduri tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru jirrizulta illi hu ttenta li jittratta mas-socjeta' attrici dwar dawn il-fatturi li kienu baqghu pendenti, u ppretenda illi s-socjeta' attrici tirrinunzja ghalihom, u dan meta ddikjara; "... *allura jiena fhimt illi ngidem hu u ngdimt jien u l-kwistjoni baqghet hemm. Jien qed nghid li ngidem hu ghax hu qed jigri wara flusu imma jiena qieghed nikkontendi li mhux jien ghandi nhallashom imma min ha l-post minghandi* ... ". Illi mill-gdid, u f'dan ir-rigward, it-Tribunal jerga' jirrileva illi l-konvenut kellu allura jitlob li tigi kjamata in kawza l-persuna li effettivament kienet id-debitrici tas-socjeta' attrici sabiex b'hekk hu jigi estromess mill-proceduri li gew rivolti fil-konfront tieghu, haga li m'ghamilhix. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax iqis l-unika eccezzjoni sollevata mill-konvenut bhala wahda gustifikata, u ser jghaddi sabiex jirrespingiha.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-Tribunal lanqas ma jista' jiskarta l-fatt illi mill-atti processwali jirrizulta li s-socjeta' attrici 'gia ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut ghall-kreditu spettanti lilha mertu ta' din l-azzjoni – u dan permezz tal-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 895/13 datata 25 ta' April, 2013, liema ittra ufficjali giet reza ezekuttiva fit-22 ta' Lulju, 2013 – u ghalhekk ser jghaddi sabiex jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta' attrici kif kontenuta fl-avviz tat-talba mertu ta' din l-azzjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni sollevata mill-konvenut, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta' attrici stante illi l-istess socjeta' attrici 'gia ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut in rigward tal-kreditu mertu ta' din l-azzjoni.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------